**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors numru : 308/2015 AL

AB
Vs
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta'Dicembru tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u market "Dok. A", liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi minn dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm zewgt (2) itfal - X li llum ghandu 27 sena u V li llum ghandu 24 sena u ghaldaqstant ma hemmx obbligu legali ta' manteniment minghand ir-rikorrent;

Illi l-partijiet ssepaw b' kuntratt datat 28 ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) redatt minn Nutar Clinton Bellizzi hawn anness u markat "Dok. B" ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn ghaxar snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 2 klawsola 5) l-partijiet reciprokament iddekadew mid-dritt li jippercepixxu manteniment fir-rigward ta' xulxin;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija, jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1)Tippronunzja l-ħall taż-żwieg tal-partijiet ;
2)Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Awissu, 2015;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :
Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Lulju 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.